MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 482/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur David Saliba]**
**Vs**
**Francesco Mallia**
**Eman Vella**
**Emmanuel Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellati Francesco Mallia, Eman Vella u Emmanuel Mallia, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
Fit-2 ta' Settembru, 2008 fis-sit tal-kostruzzjoni sitwatt fi Triq Ferdinand Inglott, Attard, matul il-gurnata u/jew fil-granet ta' qabel naqsu milli jharsu s-sahha u sigurta` taghhom, kif ukoll tal-persuni li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigu evitati danni fizici, korrimenti jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqsu milli jiehdu l-mizuri necessarji sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa

ragevolment u prattiku u dan ai termini ta’ l-artikolu 7(1) ta’ l-Att 27/2000 Kap 424.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Ottubru, 2010 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7(1) tal- Att 27/2000 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta ma sabitx lill-imputati hatja u lliberathom.
Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-16 ta’ Novembru, 2010 li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka is-sentenza appellata u ssib lill akkuzati Francesco Mallia, Eman Vella u Emmanuel Mallia hatja ta l-akkuzi migjuba kontra taghhom u tinfliggi fuqhom il-piena jew pieni skond il-ligi.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Rat l-aggravji ta’ l-appell ta’ l-Avukat Generali illi huma is-segwenti :
Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kirminali ma sabitx lill-imputati Francesco Mallia, Eman Vella u Emmanuel Mallia hatja ta’ l-akkuza kif migjuba kontrihom u konsegwentement illiberathom bhala rizultat ta’ apprezzament zbaljat u rragonevoli tal-provi li tressqu quddiemha.
Fil-fatt qieghed jigi umilment sottomess li l-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt ragonevolment u legalment tillibera lill-imputati fuq il-provi kif migjuba quddiemha. Illi dan il-kaz gie ppruvat li l’hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Bhala provi l-prosekuzjoni ressqet ix-xhieda ta’ l-uffijcal Silvana Ceci Bonello li xehed dak li rat fuq il-post kif ukoll esebiet xi ritratti mehudha minnha stess fejn juru car u tond il-perikoli li l-imputati kienu qed jahdmu fih. Fil-fatt dawn ir-ritratti juru numru ta’ aperturi miftuha u diversi ostakoli fuq il-post tax-xoghol li wiehed jista` facilment jitfixkel fihom. L-uffijcal tal-Awtorita` xehdet ukoll fuq id-dettalji li hadet hi personalment minghand l-imputat appellanti u sahansitra gharfet wiehed minn l-imputati bhala wahda mill-persuni li kienet kellmet fuq il-post in kwistjoni.
Illi l-Qorti kellha wkoll l-okkazzjoni tisma’ rapprezentat ta’ l-ETC li prezenta dokument fejn wera li t-tlett imputati kienu jahdmu bhala bennejja ghal rashom.

Illi fid-dawl ta' dawn il-provi diretti kif ukoll indiretti, l-esponenti ma jistax jikkondividi l-konkluzjoni raggunata tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha li l-prosekuzzjoni ma ppurvatx il-kaz taghha.

Ikkunsidrat.
Irrizulta mill-provi illi fit-2 ta' Settembru, 2008 ufficjal mill-Awtorita tas-Sahha u Sigurta fuq il-post tax-xoghol Sylvana Ceci Bonello ghamlet spezzjoni f'sit tal-kostruzzjoni fi Triq Ferdinand Inglott, Attard. Din l-ufficjal innutat numru ta' perikoli fosthom aperturi minghar ebda lquh kif ukoll gallariji. Fuq il-post kien hemm tliet (3) persuni ghaddejjin fuq ix-xoghol, dawna kienu l-imputati Francesco Mallia, Emman Vella u Emanuel Mallia. B'Sentenza moghtija fis-27 ta' Ottubru, 2010 (fol 15) il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-imputati hatja u lliberathom. L-Avukat Generali pero' hassu agravat minn din is-Sentenza u nterpona dan l-appell fejn fost affarijiet ohra argumenta illi mill-provi illi rrizultaw l-ewwel Qorti ma setghet qatt ragonevolment u legalment tillibera lill-imputati.

Ikkunsidrat.
Sylvana Bonello xehedet quddiem il-Qorti u qalet illi kienet accediet f'dan is-sit ta' kostruzzjoni f'H'Attard fejn sabet diversi aperturi fosthom xaftijiet u gallariji miftuha minghajr ilquh ta' xejn b'mod illi kienu ta' periklu ghal min jersaq lejhom. Terga u tghid ma kien hemm l-ebda signage u hafna gebel u trab ma l-art b'tali mod illi bniedem seta' facilment jitfixkel u jaqa'. Gew esebiti diversi ritratti illi hadithom hi u kkonfermat illi dana kien il-post illi accediet. Fuq il-post kien hemm tliet (3) haddiema illi kienu l-appellati f'din il-kawza. Jumejn wara regghet accediet fuq il-post u sabet illi n-nuqqasijeit gew irrangati. Xehdet ukoll Jennifer Debono mill-ETC fejn esebiet id-dokumenti minn pagna 11 sa 14. L-ahhar xoghol illi kienu ghamlu Francesco Mallia u Emanuel Mallia kienu bhala self employed waqt li Emman Vella kien impjegat bhala mason.

Ikkunsidrat.

Id-difiza bdiet biex taghmel referenza ghall-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' l-Appell li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha. Dana huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell, ghalhekk il-Qorti ta' l-Appell ma rinpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta' dawn il-provi biex tara jekk l-ewwel Qorti kienetx ragunevolu fil-konkluzjoni taghha, jekk ma tkunx allura jkun il-kaz li dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni tkun disturbata. Mill-provi rrizulta illi verament fuq dan is-sit ta' kostruzzjoni kien hemm nuqqasijiet kbar, ir-ritratti jikellmu wehidhom u juru gallariji, xaftijiet, twieqi mhux kustoditi minghajr ilquh, b'hafna gebel,trab u debri ma l-art illi setghu facilment ifixklu lil min ikun ghaddej f'dan is-sit. Dana jmur kontra dak illi trid il-Ligi illi trid tassigura l-inkolumita mhux biss tal-haddiema imma ta' min ikun qieghed innocentament fil-post. Id-difiza kkwotat ukoll is-sub-Artiklu 2 ta' l-Artiklu 7(1) ta' l-Att 27/2000 Kap 424 fejn hemm l-obligu illi s-suggerimenti tal-Health Safety Inspectors jigu ndirizzati. F'dan il-kaz dawn is-suggerimenti gew sanati u ghalhekk dan is-sub Paragrafu 2 gie osservat. Il-Qorti tirrileva pero' illi din l-osservazzjoni ma tnaqqasx il-htija ta' l-appellanti illi kienu qed jahdmu go post minghar sigurta illi jmur kontra d-dettami tal-Kap 424 fuq imsemmi. L-agir ta' l-appellanti jmur specifikament kontra l-Artiklu 7(1) ta' l-Att fuq imsemmi billi naqsu milli jittiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqsu milli jiehdu mizuri necessarji sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragunevoli u prattiku.

Ghalhekk din il-Qorti issib illi fuq il-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti ma kelliex tillibera lill-appellanti u l-appell ta' l-Avukat Generali jisthoq illi jkun milhuq. Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tirrevoka s-Sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti Francesco Mallia, Emman Vella u Emanuel Mallia hatja ta' l-akkuza migjuba kontra taghhom u tikkundannahom ghal multa ta' €500 kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------